MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 135/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fis-17 ta’ Ottubru 2006 ghall-habta tas-6.00 p.m. fil-Furjana:

(1) Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied;
(2) Qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen liema kliem kien jikkonsisti f’dagha;
(3) Bi kliem insulenta u hedded l-Ispettur tal-Pulizija Noel Cutajar persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel

dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
(4) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-Ispettur tal-Pulizija Noel Cutajar weggghu bi kliem jew b'mod iehor;
(5) M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija Ezekuttiva waqt li kienu jaqdu d-doveri taghhom;
(6) Fl-istess data f'Hal-Far bi kliem insulenta u hedded lil P.C. 966 u lil P.S. 645 persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' April 2008 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet illi "wkoll fil-konfront tal-akkuzi 3 u [4] huma jaqghu taht l-artikolu 95(2) tal-Kap. 9" u ghalhekk iddikjarat "l-akkuzi preskritti";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-15 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata tad-29 ta' April 2008, issib li l-azzjoni mhix preskritta u, wara li tisma' l-provi, issib il-htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa illi filwaqt li l-ewwel Qorti qalet illi l-azzjoni kienet preskritta, mir-riferta esebita a fol 2 (bis retro) jirrizulta li l-appellat gie notifikat fit-3 ta' Jannar 2007, cioe` entro l-perijodu preskrittiv ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. F'dar-rigward l-Avukat General ghandu ragun peress illi l-ewwel Qorti skartat ghal kollox din ir-riferta u ghamlet referenza biss ghar-riferta a fol.2 mnejn jidher li l-appellat rega' gie notifikat fit-22 ta' Frar 2007.

Pero` l-Avukat Generali qieghed jappella mis-sentenza tad-29 ta' April 2008 li permezz taghha l-ewwel Qorti ddecidiet li anke it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet kienu

preskritti. Hawn irid jigi notat li min ittraskriva s-sentenza appellata ma nserixxiex in-numru “4” izda kiteb “tal-akkuzi 3 u”, izda peress illi wara d-decizjoni tal-15 ta’ Mejju 2007 l-ewwel Qorti halliet pendenti t-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, huwa ovvju illi s-sentenza appellata tirreferi ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet biss. Izda din il-Qorti osservat ukoll illi l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghas-sitt imputazzjoni. Difatti bid-decizjoni taghha tal-15 ta’ Mejju 2007 hija ddikjarat preskritti l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet izda mhux ukoll it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet minghajr ma semmiet is-sitt imputazzjoni. Ghalhekk fis-sentenza taghha tad-29 ta’ April 2008 l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi wkoll dwar is-sitt imputazzjoni.

F’dawn ic-cirkostanzi s-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-validita` ta’ sentenza u dan irendiha nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tad-29 ta’ April 2008 nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tisma’ l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi limitatament dwar it-tielet, ir-raba’ u s-sitt imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata tad-29 ta’ April 2008 u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid limitatament dwar it-tielet, ir-raba’ u s-sitt imputazzjonijiet u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------